# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 17 ta' Novembru 2020**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 600/2020 JVC**

**Simon Peter maghruf bhala Pierre Bellizzi**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u permezz ta' digriet datat 15 ta' Ottubru 2020 gie kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent Simon Peter Bellizzi kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti, twieled fis-7 ta' Marzu 1968 u gie rregistrat bhala Simon Peter (Dok A) izda ftit xhur wara li twieled hu, fl-14 ta' Novembru 1968 gie addott u ha il-kunjom tal-genituri adottivi tieghu Bellizzi (Dok B);

2. Illi mill-ewwel il-genituri adottivi tieghu bdew jghajtulu Pierre, u familjari u hbieb dejjem sejhulu bl-isem ta' Pierre. Sahansitra l-iskola hu dejjem kien maghruf bhala Pierre u dan kif jidher mill affidavits annessi dokumenti mmarkati bhala Dok C;

3. Illi dan premess huwa rifless ukoll f'numru ta' dokumenti ufficjali f'isem l-esponenti, fosthom licenzja tal sewqan u certifikati mmarkati bhala Dok D;

4. Illi fil-fatt ghandu ccertifikati tal-iskola, precett, grizma, school leaving kif ukoll certifikati relatiati max-xoghol tieghu qeghdin kollha fl-isem ta' Pierre. Dan kollu jirrizulta ampjament car mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti E;

5. Illi kartolini, inviti, korispondenza, referenza fuq ritratti kif ukoll artikli tal-gazzetta tul hajtu dejjem rreferew ghalih bl-isem ta' Pierre u mhux Simon Peter kif jidher ar mid-dokumneti ezebiti u mmarkati bhala Dok F;

6. Illi din is-sitwazzjoni qieghda tohloq inkonvinjent specjalment minhabba li xoghol l-esponenti huwa ta' Underwater Projects and Operation u jkollu hafna xoghol

barra minn Malta allura jkollu kull darba jaghti dokumenti ulterjuri u spjegazzjoni minhabba li l-isem fuq ic-certifikati ma jaqbilx mal-isem fuq il-passaport;

7. Illi in oltre anke c-certifikati tat-twelid ta' uliedu Craig Alexander Bellizzi u Heather Violet Bellizzi, qeghdin juru li huwa Simon Peter meta uliedu jafuh bhala Pierre (DOK G anness);

8. Ili tali inkonsistenza qieghda tikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrenti, u ghalhekk huwa ghandu interess skond il-ligi, inter alia ai termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li ssir id-debita annotazzjoni fl-Att tat-Twelid u/jew Registru ta' Persuni Adottati kif ukoll fl-atti l-ohra kollha tal-hajja civili tal-esponenti b'mod partikolari c-certifikati tat-twelied ta' uliedu.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportun, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

a) Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni tnejn u tmenin tas-sena elf disa' mija tmienja u sittin (82/1968) u/jew fir-Registru ta' Persuni Adottati bin-numru tlieta tas-sena elf disa' mija tmienja u sittin (3/1968) fis-sens illi l-isem l-esponenti 'Simon Peter' jinbidel ghal dak ta' 'Pierre', u dan peress ill illi l-istess esponenti minn dejjem kien imsejjah bl-isem ta' Pierre;

b) Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid/ Registru ta' Persuni Adottati odjern

isiru annotazzjonijiet mehtiega fis-sens illi fil-kolonna "isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha u/ jew isem u kunjom il-persuna adotta, l-isem 'Simon Peter' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem ta' 'Pierre';

c) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan it-tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili tal-esponent ossia c-certifikat tat-twelid ta' uliedu Heather Violet Bellizzi bin-numru ta' iskrizzjoni elf erba' mija u tmenin tas-sena elfejn u hdax (1480 tal 2011) u Craig Alexander Bellizzi bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn u seba' mija u tenjn u ghoxrin tas-sena elfejn u disgha (2722 tal-2009),

Dan taht dawk il-provvediment kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun li timponi.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'ILLI, preliminarjament, l-esponent jinnota illi l-okkju tal-kawza istanti huwa skorrett. Dan qed jinghad *stante* li isem ir-rikorrent, Simon Peter Bellizzi huwa skorrettement indikat bhala Pierre Bellizzi. Tali zball ghandu jigi rrimedjat, u dan f'gieh l-integrità tal-gudizzju;

2. ILLI, in vena preliminari wkoll, l-esponent jeccepixxi illi l-azzjoni odjerna si tratta, *mutatis mutandis*, registrazzjoni ta' adozzjoni (bin-numru 3/1968) li saret fir-Registru ta' Persuni Adottati fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku t'Ghawdex, u dan skond l-Artikolu 269 tal-Kodici Civili. In vista tal-fall illi ai termini tal-Kapitolu 56 tal-Ligijiet ta' Malta, Malta u Ghawdex ghandu jkollhom Ufficcju tar-Registru Pubbliku

ghalihom, li jitmexxew ukoll minn Diretturi differenti, l-esponent jishaq illi f'tali proceduri ghandu jkun partecipi d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex ukoll. Dan qed jinghad ukoll ghaliex jekk din l-Onorabbli Qorti takkorda l-ewwel zewg talbiet kif dedotti, l-esponent ma jkollu ebda poter illi jaghmel korrezzjoni jew annotazzjoni f'Att mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku f'Ghawdex;

3. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza istanti, l-esponent jiddikjara li hu ma huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu;

4. ILLI, jidher li r-rikorrent twieled gewwa Rabat, Ghawdex nhar is-7 ta' Marzu 1968 u nghata l-ismijiet 'Simon Peter', u dan skond l-Att ta' Twelid originali tieghu, bin-numru progressiv 82/68. L-informazzjoni misjuba fit-tali Att jidher li kienet ikkonfermata mill-omm naturali tar-rikorrent. Sussegwentement, u cioe fl-14 ta' Novembru 1968, ir-rikorrent gie adottat minn Alfred Bellizzi u Mary Violet nee Sammut. Fl-estratt mir-Registrazzjoni numru 3/1968 fir-Registru ta' Persuni Adottati mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku f'Ghawdex, isem ir-rikorrent huwa wkoll mnizzel bhala 'Simon Peter';

5. ILLI, permezz tal-kawza odjerna, ir-rikorrent qieghed jallega illi l-isem illi bih huwa kien konsistentement maghruf matul hajtu huwa difatti 'Pierre' u mhux 'Simon Peter', u ipprovda numru ta' dokumenti mar-rikors promotur sabiex jissustanzja din l-allegazzjoni. Ghalhekk huwa talab, abbazi tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili, illi din l-Onorabbli Qorti tordna illi jsiru l-annotazzjoni necessarji fl-Att tat-Twelid

u/jew fir-Registrazzjoni fir-Registru ta' Persuni Adottati sabiex dawn jirriflettu l-isem illi bih huwa kien konsistentement maghruf, u cioe 'Pierre' minflok 'Simon Peter';

6. ILLI, stante li kemm l-Att ta' Twelid bin-numru 82/68 kif ukoll ir-Registrazzjoni fir-Registru ta' Persuni Adottati bin-numru progressive 3/1968 jinsabu registrati mal-Ufficcju tar-Registru Pubbliku f'Ghawdex, l-esponent ma ghandu ebda poter illi jaghmel kwalunkwe korrezzjoni jew annotazzjoni fit-tali atti;

7. ILLI, minghajr pregudizzju ghall-premess, jidher li r-rikorrent ghandu zewgt itfal, senjatament Craig Alexander Bellizzi u Heather Violet Bellizzi. Tali minuri twieldu gewwa Malta, u ghalhekk l-Att ta' Twelid taghhom, bin-numru progressiv 2722 tas-sena 2009 u 1480 tas-sena 2011 rispettivament, huwa registrat fir-Registru Pubbliku f'Malta. Kopja ta' tali atti hija hawn annessa u mmarkata **Dok DRP 1** u **Dok DRP 2**. Jidher car fit-tali atti illi isem ir-rikorrent huwa mnizzel bhala 'Simon Peter' u mhux 'Pierre'. Ghalhekk, fir-rigward tat-tielet talba tieghu, l-esponent jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero li l-provi migjuba mir-rikorrent ikunu l-aqwa possibbli u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

8. ILLI, in vista tal-premess u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponent umilment jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti l-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li huwa minn issa ingunti in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel is-smiegh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta m'hijiex xi mizura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Ghal kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija mizura straordinarja ghal skopijiet pubblici intiza esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilita' ta' konfuzjoni u dizordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizzazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem m'ghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti sempliciment jixtieq jibdel ismu, izda tali awtorizzazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirrizulta li din hija mehtiega assolutament ghall-esigenza pubblika;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti m'huwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u fid-dokumenti hemm mehmuza;

4. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta'

agir da parti ta' l-esponenti, u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.'

Rat il-prpvi kollha u dokumentazzjoni esebita.

Rat li l-partijiet ghalqu l-provi taghhom u talbu li l-Qorti tghaddi ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat;**

Rat il-kontenut tad-okumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat tar-rikorrent Simon Peter maghruf bhala Pierre Bellizzi;

Rat partikolarment l-affidavits mressqa mir-rikorrent, fosthom l-affidavit tar-rikorrent stess a fol. 6 et seq. tal-process;

Rat in-numru konsiderevoli ta' dokumenti li lkoll jindikaw illi r-rikorrent huwa maghruf bl-isem ta' 'Pierre' u mhux dak li jidher fuq ic-certifikat tat-twelid u cioe` 'Simon Peter';

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi esebita a fol. 70 tal-process;

Illi mill-provi kollha esebiti fl-atti din il-Qorti hija sodisfatta illi r-rikorrent huwa verament maghruf bl-isem ta' 'Pierre' u mhux 'Simon Peter' hu li din is-sitwazzjoni ilha hekk ghal numru twil ta' snin;

Illi għaldaqstant tqis illi t-talba tar-rikorrent giet suffijcentement pruvata u hija gustifikata u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Għaldaqstant, għar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li hemm il-ħtiega li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni tnejn u tmenin tal-elf disa' mija tmienja u sittin (82 tal-1968) u fir-Registru ta' Persuni Adottati bin-numru tlieta tal-elf disa' mija tmienja u sittin (3 tal-1968) fis-sens illi isem l-esponent rikorrent 'Simon Peter' jinbidel għal dak ta' 'Pierre', u dan peress illi r-rikorrent minn dejjem kien imsejjaħ bl-isem ta' 'Pierre';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid imsemmi kif ukoll fir-Registru ta' Persuni Adottati msemmi isiru annotazzjonijiet meħtiega fis-sens illi fil-kolonna "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tigi msejħa u/ jew isem u kunjom il-persuna addottata, l-isem 'Simon Peter' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem ta' 'Pierre';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan it-tibdil jigi rifless f'kull att tal-istat civili tal-esponent fil-poter tad-diretturi intimati fosthom fic-certfikat tat-twelid ta' uliedu Heather Violet Bellizzi bin-numru ta' iskrizzjoni elf erba' mija u tmenin tal-elfejn u ħdax (1480 tal-2011) u Craig Alexander Bellizzi bin-numru ta'

iskrizzjoni elfejn seba' mija u tnejn u ghoxrin tal-elfejn u disgha (2722 tal-2009);

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**17 ta' Novembru 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Novembru 2020**